KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL B'URĠENZA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 30 – L-ERBGĦA 29 TA' MARZU 2017**

**Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:03 sas-19:35.**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Graziella Galea** | **Sindku** |
| | **Alfred Grima** | **Kunsillier** |
| | **Raymond Tabone** | **Kunsillier** |
| | **Paul Bugeja** | **Kunsillier** |
| | **Anne Fenech** | **Kunsillier** |
| | **Joseph Vella** | **Kunsillier** |
| | **Stephen Cremona** | **Kunsillier** |
| | **Robert Piscopo** | **Kunsillier (18:58 sa 20:25)** |
| | **Daniel Grima** | **Kunsillier** |
| | **Mandy Buhagiar** | **Kunsillier** |
| | **Malcolm Agius** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Assenti b'Apoloġija:** | **David Thake** | **Kunsillier** |
| | **Antoinette Bezzina** | **Kunsillier** |
| | **Daniel Grima** | **Kunsillier** |
| | **Matthew John Barbara** | **Kunsillier** |
| **Assenti:** | | |

***Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.***

**1.** NUQQAS TA' QUORUM

**1.1 Fil-ħin li ġiet imsejjħa l-laqgħa kien hemm nuqqas ta' Quorum. Is-Sindku qalet li l-kunsilliera A. Grima u Cremona kienu isfel fil-bini tal-kunsill.**

**1.2 Waslu l-kunsilliera A. Grima u Cremona fis-19:03 u l-laqgħa setgħet tibda peress li ntlaħaq quorum.**

2. APOLOĠIJI

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsilliera Bezzina u Thake infurmawh li ma jistgħux jattendu.

2.2. Il-kunsillier A. Grima rreaġixxa għal dak li qalet is-Sindku meta nforma li hu mar fi triq ta' maġenb il-kunsill għax il-kunsilliera Mandy Buhagiar ma sabitx fejn tipparkja. Talab li l-kunsill jibda jiftaħ il-parkeġġ tiegħu.

3. MIŻURA 4.3 TA' L-UNJONI EWROPEA

3.1. Is-Sindku spjegat il-proċess u semmiet it-toroq identifikati bl-għajnuna anke tal-kunsillier Cremona u rringrazzjatu ta' l-għajnuna li offra. Is-Sindku spjegat ukoll li l-kunsill jista' jqabbad persuni esperti biex jieħdu ħsieb din l-applikazzjoni permezz ta'ħlas ta' €800 VAT eskluż. Semmiet ukoll li fil-passat il-Kunsill kien applika għal fondi simili iżda nqalgħu diffikultajiet u ma setax jitwettaq ix-xogħol.

3.2. Wasal il-kunsillier Piscopo fis-19:06

3.3. Il-kunsillier A. Grima staqsa kif inhu l-proċess u kemm hemm fondi eliġibbli, is-Sindku spjegat li 90% jiġu permezz ta' fondi mill-UE u 10% mingħand l-applikant li f'dan il-każ huwa l-kunsill. Jekk il-fondi tal-proġett jingħataw, ikun hemm ukoll il-possibilta' ta' co-financing ghal dawn l-10%.

3.4. Il-kunsillier Bugeja staqsa kemm hemm bdiewa li fil-verita' huma minn San Pawl il-Baħar.

3.5. Il-kunsillier A. Grima propona Triq L-Imbordin. Is-Sindku talbet lill-kunsillier A. Grima biex jibgħat pjanta, anke permezz ta' google maps sabiex jindika fejn qed jipproponi.

3.6. Fis-19:11 waslet il-kunsillier Buhagiar.

3.7. Il-kunsllier A. Grima propona li min jixtieq aktar informazzjoni jitlob il-lista u l-panti tat-toroq proposti. Is-Sindku proponiet li għalissa nibdew b'din il-lista u jekk hemm kunsilliera li għandhom proposti oħra jibagħtuhom.

3.8. Wara d-diskussjoni kien hemm qbil dwar dan il-proċess u li jitqabbdu dawn l-esperti biex tkun tista' tiddaħħal din l-applikazzjoni.

4. PA 3345/16 *'Excavation of underground tunnel, demolition of existing kiosk and construction of beach lido linking to San Antonio Hotel'*

4.1. Il-Kunsillier Grima staqsa jekk hawnx min ghandu kunflitt ta' nteress dwar din l-applikazzjoni. Il-kunsilliera kollha preżenti qalu li ma għandhom l-ebdakunflitt ta' interess.

4.2. Is-Sindku spjegat fil-qosor dak li ġie spjegat fil-laqgħa tat-Tnejn 20 ta' Marzu. Qalet ukoll li wara din il-laqgha saru xi bidliet fil-pjanti u li l-kunsill ġie mgħoddi kopja ta' dawn il-pjanti emendati dakinhar tal-laqgħa stess. Is-Sindku qalet li fost il-bidliet li kien hemm fil-pjanti, il-passaġġ li kien qiegħed jiġi propost biex jingħalaq issa nfetaħ parti minnu, u qalet ukoll li ntlaqgħet il-proposta tal-kunsillier Cremona biex isir aċċess mit-Triq tad-daħla prinċipali tal-lukanda għal dan it-tunnel biex ikun faċilitat l-aċċess tal-pubbliku għall-bajja.

4.3. Is-Sindku qalet li ntbagħtu wkoll id-dettalji mitluba dwar l-area ta' art li qed jokkupa u/jew jagħti lill-pubbliku. Skond din l-informazzjoni l-ammont ta' art li qed jiggwadanja minnha l-pubbliku wara li jitneħħew xi strutturi hija inqas minn dik li fil-fatt qiegħed jiġi propost li tittieħed mill-pubbliku permezz ta' strutturi godda. Il-kunsillier Buhagiar talbet li l-Kunsill jgħaddi għal vot minħabba li trid titlaq għal raġunijiet personali.

4.4. Il-kunsillier Bugeja qal li għandu jkun ċar li l-pubbliku ser jitlef u mhux ser jiggwadanja minn dan il-proġett.

4.5. Is-Sindku proponiet li jkun hemm *general objection* fuq l-applikazzjoni li hemm illum li 'l quddiem tkun tista' tiġi *withdrawn* skond kif jiddeciedi l-Kunsill. Il-kunsillier Piscopo staqsa jekk l-oġġezzjoni hux ser tkun dwar il-pjanti inkella ġenerali. Hawn ġie ċċarat li l-vot ser ikun dwar oġġezzjoni ġenerali. Il-kunsillier A.Grima ssekonda.

4.6. Ittieħed vot biex issir din il-*general objection.* Kien hemm tmien (8) voti favur li l-kunsill joġġezjona f'dan l-istadju, u vot wieħed kontra tal-kunsillier Cremona. Il-kunsillier Cremona qal li r-raġuni għalfejn qed jivvota kontra hija l-fatt li ntlaqgħet it-talba għall-proposta tiegħu fil-laqgħa ta' l-20 ta' Marzu, jiġifieri li jkun hemm aċċess għall-pubbliku mit-triq fejn hemm id-daħla prinċipali tal-lukanda għall-bajja.

5. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS

7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:35

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Graziella Galea** | **Malcolm Agius** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |